# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025**

**Numru: 22**

**Rikors numru: 35/2019/1 JPG**

**AB**

**v.**

**CD**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tad-9 ta' Lulju, 2024 li permezz tagħha l-**konvenut CD (l-Appellant)** ġie ordnat iħallas lill-**attriċi AB (l-Appellata)** arretrati ta' manteniment ta' bintu minuri mwielda fit-2 ta' Lulju, 2006, kif ukoll sehmu mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri li fil-mori tal-kawża bdiet taħdem ta' sbatax-il sena u marret tirrisjedi ma'

missierha filwaqt li ftit jiem qabel ingħatat is-sentenza appellata saret maġġorenni.

**Daħla.**

1. Minn relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieldet tifla fit-2 ta' Lulju, 2006. Jidher li meta twieldet il-minuri ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ġia ġiet fi tmiemha. L-attriċi rreġistrat il-minuri bħala b'missier mhux magħruf.

2. Fis-sena 2011 il-missier istitwixxa kawża kontra l-omm sabiex jiġi dikjarat il-missier naturali tal-minuri. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2012 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddikjarat lil CD missier il-minuri. Fit-18 ta' Jannar 2013 CD ta bidu għall-proċeduri ta' medjazzjoni sabiex jingħata aċċess għall-minuri filwaqt li ntavola rikors sabiex jingħata aċċess "kull nhar ta' Sibt bejn l-għaxra ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar", talba milqugha b'digriet tat-12 ta' Frar, 2013 u l-aċċess beda jiġi eżerċitat mill-missier kif awtorizzat.

3. Fl-24 ta' Ġunju, 2014, AB għamlet rapport fl-għassa tal-Pulizija ġewwa Raħal Ġdid illi fil-21 ta' Ġunju, 2014, bintha minuri ta' seba' (7) snin ġiet abbużata minn missierha CD waqt l-aċċess u dan skont ma qaltilha l-minuri. Fis-27 ta' Awwissu, 2014 AB ppreżentat rikors fl-atti tal-medjazzjoni numru 1173/14 sabiex l-aċċess tal-missier jiġi sospiż.

B'risposta tal-4 ta' Settembru, 2014 CD informa lil dik il-Qorti illi kien huwa stess li waqqaf l-aċċess pendenti l-investigazzjonijiet tal-pulizija. B'digriet tas-6 ta' Settembru, 2014 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddegretat illi "Tissospendi l-aċċess tal-intimat għal bintu minuri f'dan l-istadju".

4. Eventwalment CD ġie akkużat illi "b'għemil żieni kkorrompa lil .... minuri ta' 8 snin, liema minuri hija t-tifla tiegħu u li kienet fdata lilu sabiex jindukraha jew iżommha". B'sentenza tal-11 ta' Marzu, 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat "lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet". Fis-sentenza tagħha dik il-Qorti ddikjarat *inter alia* illi "malli semgħat lill-minuri tixhed kienet mal-ewwel moralment konvinta li t-tifla kienet ġiet imġegħlha tgħid ċerti affarijiet minn ommha meta dawn l-affarijiet ma kienux ġraw."

5. B'digriet *pendente lite* tal-21 ta' Settembru, 2016[1] il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-missier iħallas lill-omm manteniment għall-minuri fis-somma ta' €200 fix-xahar, *oltre* nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa.

6. Fis-16 ta' Ġunju, 2017 AB istitwit kawża kontra CD fejn wara disa' talbiet marbuta mal-modalità tal-aċċess tal-missier, talbet:

---
[1] Fol. 191

"10. Tordna illi l-manteniment ta' mitejn (€200) ewro fix-xahar jigi depozitat gewwa kont bankarju tar-Rikorrenti u cioe numru 5887000019188736.
11. Tordna illi l-intimat jivversa nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri wara illi jigi pprezentat b'kopja tal-ircevuti rispettivament;
12. Tordna illi dawn il-modifikazzjonijiet jigu mnizzla f'kuntratt".

7. B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018 l-azzjoni attriċi ġiet dikjarata *fuori termini* bir-rikors ġuramentat dikjarat irritu u null.

8. AB istitwiet proċeduri ta' medjazzjoni ġodda liema proċeduri ġew dikjarati magħluqa b'digriet tat-12 ta' Diċembru, 2018 u l-partijiet awtorizzati jipproċedu b'kawża fit-termini legali.

9. L-<u>attriċi istitwiet il-kawża odjerna fis-6 ta' Frar, 2018</u> fejn talbet lill-Ewwel Qorti:

1) "Timmodifika l-access tal-minuri minn kull nhar ta' Tlieta u Erbgha ghal kull nhar ta' Tlieta u Erbgha bejn l-4.30pm u s-7.30pm;

2) Tordna illi l-isleepovers jinzammu dejjem mill-Gimgha ghas-Sibt mis6.00pm sas-6.00pm;

3) Tordna illi fil-kas ta' festi pubblici il-minuri ghandha tittiehed mill-missier f'gheluq sninha u cioe mill-10.00pm sas-1.00pm sabiex l-omm ikollha hin adekwat maghha ukoll.

4) Tordna illi l-minuri tqatta jum il-missier bejn l-10.00am u l-5.00pm mal-missier;

5) Tordna illi jekk f'jum l-omm il-minuri ikun imissha access mal-missier, din tqatta gurnata mal-omm;

6) Tordna illi matul il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-minuri ghandha b'mod alternattiv tqatta l-granet billi tittiehed mill-missier ghal-erbgha u ghoxin (24) siegha.

7) Tordna illi l-minuri ma tkun qatt esposta ghal kumpanija ta terzi ghajr ghan-nanniet u zijiet materni u paterni.

8) Tordna illi meta l-festi pubblici jirrizultaw fil-gurnata tal-Hadd wara sleepover, il-missier izomm lil minuri ghal erbgha u ghoxrin siegha biss.

9) Tordna illi l-intimat jivversa nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha talminuri wara illi jigi pprezentat b'kopja tal-ircevuti rispettivament u dan b'mod retrospettiv u cioe minn mindu l-minuri giet rikonoxxuta mill-missier bhala l-wild niologiku tieghu stante illi ghakemm hemm digriet ta' nhar il25 ta' April 2018 u anke iehor tat-28 ta' April 2018 illi jikkonferma dan, ilmissier Qatt ma vversa spejjez tal-edukazzjoni u s-sahha."

10. Il-konvenut CD ippreżentat <u>risposta ġuramentata fis-27 ta' Marzu, 2019</u> li permezz tagħha oppona għat-talbiet attriċi. L-eċċezzjonijiet rilevanti għal dan l-appell huma dawk enumerati mill-14 'il quddiem:

> "14. Illi kwantu ghad-disa' talba, l-esponenti ilu mid-data tad-digriet tal-21 ta' Settembru tas-sena 2016 jivversa sehemu mill-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Vide Dok C li huwa kopja tad-digriet.
>
> 15. Illi l-attrici mhix interessata fir-relazzjoni bejn bintha u l-esponenti anzi qieghda taghmel minn kollox sabiex ixxekkilha. Is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fl-14 ta' Dicembru 2012 (Rik Gur 264/11AL), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok D hija prova ta' dan, jirrizulta illi fil-kawza giet intavolata mill-konvenut peress illi l-attrici ma intavolatx nota ta' accettazzjoni fi zmien 60 jum min-notifika ta' ittra ufficjali u ergo l-ispejjez gew alloktati kollha lilha. Jirrizulta illi l-esponenti ghamel zmien twil ma jkollu access ghal bintu.
>
> 16. Illi di piu' l-attrici sa akkuzat lill-esponenti bil-korruzzjoni ta' binthom. Huwa gie liberat mill-akkuza kif jirrizulta minn sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs AG moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Marzu 2016, hawn annessa u mmarkata Dok E, liema sentenza ghaddiet in gudikat."

11. B'digriet tad-9 ta' Jannar, 2020 l-Ewwel Qorti laqgħet rikors tal-attriċi tas-7 ta' Jannar 2020[2] fejn talbet li fir-rikors ġuramentat tiżdied talba ġdida kif ġej:

> "Tordna lill-intimat jghaddi lir-rikorrenti dak l-ammont rappresentanti alimenti retroattivi dovuti minnu versu l-minuri ghall-pejodu 2 ta' Lulju 2006 sa l-14 ta' Dicembru 2016 jew dak il-perjodu li jista hekk jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u cioe l-perjodu li jigi qabel il-jum li fih l-intimat beda attwalment iħallas lir-rikorrenti r-retta alimentarja hekk kif stabilita u ordnat mill-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Settembru 2016.

12. B'digriet tas-17 ta' Frar, 2021 l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-konvenut għall-awtorizzazzjoni sabiex jappella minn dak id-digriet.

13. B'digriet tas-16 ta' Marzu, 2022[3] l-Ewwel Qorti laqgħet rikors ieħor tal-attriċi tal-11 ta' Marzu, 2022 li permezz tiegħu talbet iżżid talba oħra mar-rikors ġuramentat u cjoè:

> "Tordna lill-intimat ihallas retta alimentari lir-rikorrenti bhala manteniment ghall-minuri u din sakemm taghlaq it-tmintax- il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas ilmanteniment hekk likwidat."

14. B'digriet tal-25 ta' April, 2023[4] l-Ewwel Qorti laqgħet rikors tal-konvenut tal-24 ta' Marzu, 2023[5] sabiex iressaq is-segwenti eċċezzjoni ulterjuri:

---

[2] Fol. 66
[3] Fol. 213
[4] Fol. 250
[5] Fol. 243

> "illi kwantu ghat-talba tal-manteniment arretrat u fi kwalunkwe kaz, it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(b) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta."

15. Fl-udjenza quddiem l-Ewwel Qorti tal-15 ta' Novembru 2023[6] il-partijiet iddikjaraw illi t-tifla tal-kontendenti ilha tghix mal-missier minn Settembru 2023, u li qed jaqblu illi d-digriet tal-manteniment ma jibqax applikabbli. L-Ewwel Qorti ġiet informata wkoll li l-minuri, li kellha sbatax-il sena, kellha mpjieg regolari u fiss u li għalhekk ma kienx hemm manteniment dovut mill-omm lill-missier għat-tifla.

16. B'sentenza tad-9 ta' Lulju, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> "1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, irraba', il-hames, is-sitt, is-seba'u tmien talba u t-tieni talba addizzjonali u dan in vista tal-eta' maggorenni tat-tifla tal-kontendenti u tal-fatt li bint il-partijiet ilha tirrisjedi mal-missier sa minn Novembru 2023;
>
> 2. Tilqa' d-disa' talba u tordna illi in kwantu arretrati ta' spejjes ta' sahha u edukazzjoni, u tordna lill-intimat ihallas EUR 50 fix-xahar mit-twelied tal-minuri sal-eta' ta' seba' snin u cioe 2016 u cioe' fl-ammont ta' sitt elef Ewro (6000 Ewro) 9
>
> 3. Tordna lill-intimat ihallas ta' EUR 60.52 rapprezentanti spejjes ta' edukazzjoni u sahha ghall-perjodu 2017-2021 kif fuq spjegat;
>
> 4. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2006 sa Lulju 2016 fl-ammont ta' EUR 150 kull xahar u cioe' fis-somma ta' tmintax-il elf Ewro (18,000 Ewro);10
>
> 5. Tordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta' manteniment kif indikat sopra;
>
> L-ispejjes ghandhom jiġu divizi ugwalment bejn il-partijiet."

---

[6] Fol. 275

17. B'<u>rikors tal-appell tat-8 ta' Awwissu, 2024</u> il-konvenut CD, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab lil din il-Qorti:

> (1) "Tħassar u tannulla kompletament id-digrieti tad-9 ta' Jannar, 2020, tal-21 ta' Ottubru, 2020, ts-17 ta' Frar, 2021 u tas-6 ta' Lulju, 2023;" u
>
> (2) Tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Lulju, 2024 fl-ismijiet AB vs CD billi tilqa' l-aggravji kollha tal-appellant u tikkonferma fil-bqija".

18. L-attriċi AB , b'risposta tas-6 ta' Settembru, 2024, għar-raġunijiet hemm mogħtija, opponiet għal dan l-appell.

19. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12.**

**L-Appell**.

20. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet "żbaljata u aġixxiet b'mod *ultra petita* meta kkundannat lill-appellant iħallas arretrati ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni fis-somma ta' €50 fix-xahar mit-twelid tal-minuri, b'total ta' €6,000." Jgħid li hemm konfużjoni fid-*decide* tal-Ewwel Qorti meta' laqgħet id-disa' talba peress li l-konvenut ġie ordnat iħallas arretrati ta' spejjeż edukattivi u mediċi minn

Lulju 2006, id-data tat-twelid, sal-età ta' seba' snin, iżda mbagħad l-Ewwel Qorti identifikat id-data bħala Lulju 2016, u cjoè meta l-minuri kellha għaxar snin. Jgħid illi d-disa' talba attriċi qed titlob il-ħlas ta' spejjeż edukattivi u mediċi "minn mindu l-minuri ġiet rikonoxxuta mill-missier bħala l-wild bioloġiku tiegħu", liema data hija l-14 ta' Diċembru 2012 , "u mhux mit-twelid tagħha", u dan sad-data tal-għoti tad-digriet tal-21 ta' Settembru, 2016. Jisħaq illi b'tali talba l-Ewwel Qorti setgħet tikkundanna l-ħlas f'arretrati ta' spejjeż mediċi u edukattivi bejn l-14 ta' Diċembru, 2012 sal-21 ta' Settembru, 2016 u cjoè tliet snin u għaxar xhur u mhux għal għaxar snin, liema aggravju u sottomissjoni l-appellant ressaq bla preġudizzju għat-tielet aggravju tiegħu rigward iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'dan illi jekk l-aggravju dwar il-preskrizzjoni jiġi akkolt, l-appellant jissottometti illi l-perijodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huwa mis-7 ta' Frar, 2014 sa Awwissu 2016, tletin (30) xahar li bir-rata ta' €50 stabbiliti mill-Ewwel Qorti jammontaw għal €1,500.00.

21. L-attriċi appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid illi d-disa' talba tagħha ma hix marbuta mad-data tal-14 ta' Diċembru, 2012, id-data tas-sentenza li permezz tagħha l-attur ġie dikjarat missier il-minuri, imma "b'mod retrospettiv u cioe' minn mindu l-minuri ġiet rikonoxxuta mill-missier bħala l-wild bioloġiku tiegħu". Tgħid li tul il-proċeduri kollha l-appellant dejjem sostna li "hu minn dejjem irrikonoxiha bħala t-tifla tiegħu u li allegatament kienet l-appellata illi ċaħditu milli jara l-istess minuri".

**Ikkunsidrat;**

22. Dan l-aggravju mhux fondat. Ma hemm xejn *ultra petita* fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Id-disa' talba attriċi hija ċara: "Tordna lill-intimat jivversa nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri …. b'mod retrospettiv u cioe' minn minu l-minuri ġiet rikonoxxuta mill-missier bħala l-wild bioloġiku tiegħu[7]…" u mhux mid-data tas-sentenza li ddikjarat lill-konvenut il-missier bioloġiku tal-minuri. Kien ikollu raġun l-appellant kieku t-talba kienet torbot iż-żmien arretrat mid-data tas-sentenza tar-rikonoxximent; imma dan ma hux il-każ. Jirriżulta mill-atti illi l-appellant irrikonoxxa li kien missier it-tarbija addirittura minn qabel ma twieldet u li ħadha kontra l-appellata illi ma qaltlux li kienet ħarġet tqila minnu u li sar jaf meta kienet fis-sitt xahar tat-tqala tagħha. Għalhekk ma hux siewi r-raġunament tal-appellant illi fil-kundanna ta' ħlas ta' arretrati ta' spejjeż mediċi u edukattivi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tmur aktar lura mid-data tas-sentenza li ddikjarat lill-appellant il-missier bioloġiku tal-minuri.

23. **Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi: "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." Fil-manteniment li għandu jingħata lil ulied jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa, l-abitazzjoni u l-ispejjeż

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti

meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom. (**Art. 19, Kodiċi Ċivili**). (Ara **AB pro et noe v. SF** (4/11/2AL) - Appell Superjuri - 12 ta' Mejju, 2022; **IV pro et noe v. AV** (104/09AGV) - Appell Superjuri - 8 ta' Ottubru, 2020).

24. Hu rikonoxxut illi l-manteniment dwar il-ħtiġijiet ta' minuri ma hux strettament jedd tal-ġenitur li jkollu l-kura ta' dak il-minuri imma jedd dirett tal-minuri (ara **CAG v. AKS** (404/20/01AL) - Appell Superjuri - 12 ta' Mejju, 2022; **MG v. MG** (14/13PC) - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar, 2019;). L-aġir ta' ġenitur fil-konfront tal-ġenitur l-ieħor jew l-oħra ma għandux jolqot negattivament il-jedd tal-minuri li jkun mantnut miż-żewġ ġenituri. Meta jirriżulta perjodu li fih ġenitur ħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-ħtiġijiet ta' minuri, dak jew dik il-ġenitur ikollhom jedd jitolbu mingħand il-ġenitur l-ieħor jew l-oħra li jirkupraw parti minnn dawk l-ispejjez mingħand il-ġenitur l-ieħor.

25. Appena huwa neċessarju jingħad illi sentenza ta' dikjarazzjoni ta' paternità hija minnha nnifisha retroattiva għaliex tiddikjara persuna l-missier bioloġiku ta' minuri b'effett mill-jum tat-twelid u mhux b'effett mill-jum tas-sentenza. Tingħata meta tingħata tali sentenza, anke jekk il-wild ikun sar maġġorenni.

26. L-appellant la appella mill-*quantum* ta' €50 fix-xahar u lanqas li ma ġewx ippreżentati l-irċevuti relattivi għall-perjodu in kwistjoni imsemmija fid-disa' talba.

27. **Issib għalhekk dan l-ewwel aggravju bħala totalment infondat u qed tiċħdu**.

28. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jattakka d-digriet tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Jannar, 2020, u d-digrieti oħra marbuta miegħu. B'dak id-digriet l-Ewwel Qorti awtorizzżat żieda ta' talba attriċi li permezz tagħha ntalab il-ħlas ta' arretrati ta' manteniment "mid-data tat-twelid ta' bint il-partijiet sal-14 ta' Diċembru, 2016" jew data verjuri meta l-konvenut beda jħallas manteniment *pendente lite in forza* ta' digriet tal-21 ta' Settembru, 2016. Jgħid li t-talba għal żieda fir-rikors ġuramentat l-attriċi resqita fit-termini tal-Artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 li jipprovdi dwar it-tiswija ta' żball bil-kondizzjoni li ż-żieda ma tibdilx is-sustanza tal-azzjoni fuq il-mertu tal-kawża. Jgħid li kienet l-avukat tal-attriċi stess li kkonfermat quddiem l-Ewwel Qorti li dik it-talba ma kenitx qed issir minħabba li kien sar żball imma sabiex iżżid talba attriċi oħra. Jgħid illi għalhekk l-attriċi kellha tressaq talba oħra u mhux talba fit-termini tal-Artikolu 175. Jgħid li t-tiswijiet kontemplati f'Artikolu 175 ma jinkludux żidiet ta' talbiet ġodda. Jgħid illi tiswijiet ta' żbalji li jibdlu s-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni fuq il-mertu ma humiex permessi. L-appellant isostni illi b'dak li

ppermettiet l-Ewwel Qorti bidlet is-sustanza tal-azzjoni peress li "sa dak l-istadju, fir-rikors promotur qatt ma kien hemm talba għall-manteniment, lanqas dak futur." Jgħid li dan huwa kkonfermat mill-istess digriet attakkat li jagħti lill-konvenut il-fakultà li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Jitlob għalhekk li dawn id-digrieti "jiġu annullati".

29. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tissottometti illi Artikolu 175 tal-Kap. 12 huwa intiż sabiex jiġi evitat multipliċità ta' kawżi meta l-vertenza tista' tiġi deċiża f'kawża waħda. Tgħid li Artikolu 175 ma jippermettix biss korrezzjonijiet imma wkoll li jiddaħħlu ħwejjeġ ġodda ta' fatt jew ta' dritt. Iżżid illi t-talba tagħha saret korrettement fit-termini tal-Artikolu 175 u li l-akkoljiment tagħha ma biddilx is-sustanza tal-azzjoni attriċi.

30. Tirreferi għad-digriet *pendente lite* tal-14 ta' Diċembru, 2016 li permezz tiegħu l-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment għall-minuri fis-somma ta' €200 fix-xahar, liema digriet baqa' jiġi eżegwit sa Novembru 2023 meta l-bint minuri tal-partijiet marret toqgħod ma' missierha l-konvenut. Tgħid li l-konvenut ma ġiex ippreġudikat b'din iż-żieda għaliex ma kienx għadu beda jressaq il-provi u dwar tali talba ressaq sew l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u provi u saħansitra ried itella' lill-minuri tixhed dwar il-manteniment, talba li ġiet miċħuda.

**Ikkunsidrat;**

31. Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt[8] ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. (**Art. 175, Kap. 12**).

32. Huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk tippermettix tiswija ta' żball jew inkella żieda ta' ħwejjeġ ġodda ta' fatt jew ta' dritt. Tali żidiet ta' fatt jew ta' dritt jinkludu sew żidiet fit-talbiet attriċi kif ukoll li jiżdiedu eċċezzjonijiet. Id-diskrezzjoni mogħtija bl-Artikolu 175 hija wiesgħa. Din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni li tevalwa tali talba; sakemm ma ssibx illi t-tibdil awtorizzat biddel is-sustanza tal-azzjoni attriċi jew is-sustanza tal-eċċezzjoni fuq il-mertu. (Ara **Boris Arcidiacono Limited v. HSBC Bank Malta plc** - Appell Superjuri - 26 ta' Novembru, 2024; **Margaret Psaila**

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti

**v. Manuel Psaila** - Appell Superjuri - 30 ta' Lulju, 2024; **Aronne Laferla et. v. Matthew Mifsud** - Appell Superjuri - 3 ta' Ottubru, 2024).

33. Din il-Qorti ma ssibx illi biż-żieda tat-talba attriċi msemmija tbiddlet in-natura tal-azzjoni attriċi. Fir-rikors ġuramentat qabel ġie emendat, l-attriċi kienet ġia talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas arretrati ta' spejjeż relatati mal-ħtiġijiet mediċi u edukattivi tal-minuri. Rajna aktar qabel illi l-ħtiġijiet marbuta mas-saħħa u l-edukazzjoni huma parti mill-manteniment li kull ġenitur huwa marbut li jikkontribwixxi fir-rigward ta' wliedu minuri. Din il-Qorti tqis illi t-talba attriċi miżjuda hija kompatibbli mat-talba ġia hemm kontenuta u ma bidlitx is-sustanza tal-azzjoni attriċi. Għalhekk, m'għandux raġun l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa li tilqa' talba kif mitluba għal żieda fit-talbiet attriċi bis-saħħa tal-Artikolu 175 tal-Kap 12.

34. **Tiċħad għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant**.

35. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jattakka s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu mressqa *ai termini* tal-Artikolu 2156 (b) u (f) tal-Kap. 16. Jgħid illi l-manteniment reklamat li jmur lura aktar minn ħames snin qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna huwa preskritt. Isemmi kif tul is-snin l-attriċi kienet aktar fi ħsiebha kif ser tnaqqaslu l-aċċess għall-minuri milli

tipproċedi għall-manteniment. Jgħid li "l-appellata f'din il-kawża ma resqet l-ebda raġuni jew prova għalfejn damet dawn is-snin kollha sabiex tinizja dawn il-proċeduri". Jirreferi għad-diversi proċeduri ġudizzjarji preċedenti fejn l-attriċi qatt ma pproċediet għall-arretrati ta' manteniment. Jgħid li anke fil-kawża odjerna, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet meta ġiet intavolata ma hemm referenza għall-arretrati ta' manteniment. Jinsisti li l-għan tal-attriċi "kien biss illi timmodifika u tnaqqas il-ħinijiet tal-aċċess tal-esponenti u xejn iżjed". Jirreferi għall-medjazzjoni anteċedenti għal dawn il-proċeduri li kienu dwar l-aċċess tal-minuri u dwar "l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa" u mhux dwar arretrati ta' manteniment. Kif talbet li l-konvenut iħallas sehmu mill-ispejjeż mediċi u edukativi, setgħet titlob ukoll l-arretrati ta' manteniment u ħlas ta' manteniment futur; ħaġa li ressqet biss meta l-Ewwel Qorti awtorizzat li tiżdied talba attriċi oħra f'dan is-sens. Jgħid li lanqas fil-medjazzjoni tas-sena 2016 ma ssemmew l-arretrati ta' manteniment.

36. L-appellant jinsisti illi ladarba l-kawża odjerna ġiet istitwita fis-6 ta' Frar 2019, kwalunkwe talba għall-arretrati ta' manteniment li tmur lura għal qabel is-7 ta' Frar 2014 hija preskritta.

37. Jinsisti l-appellant illi qabel l-għoti tad-digriet li ordna l-ħlas tal-manteniment huwa kien jivversa manteniment fis-somma ta' €50 fil-ġimgħa u li dan dam jagħmlu għal circa sentejn u tliet xhur. Jispjega li

għalhekk huwa kien ilu jħallas manteniment sa minn April tas-sena 2012 sa Gunju 2014 meta ġiet inizjata l-kawża penali.

38. L-appellata tibda bl-obbjezzjoni tagħha għal dan l-aggravju billi tgħid illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix fondata, fl-ewwel lok peress li l-appellant ma segwiex dak li jistipula Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili fis-sens illi l-preskrizzjonijiet imsemmija f'diversi artikoli tal-liġi fosthom Artikolu 2156 invokat mill-appellant, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Tgħid illi kien l-istess appellant li xehed li kien qed iħallas €200 fix-xahar minn qabel ma ġie ordnat mill-Ewwel Qorti u li fl-istess ħin qatt ma ddikjara li ma huwiex debitur tal-appellata.

39. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "Fir-rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza pjena ghal dak rilevat fid-decisjoni fl-ismijiet AB proprio et nominee Vs SF deciza nhar is-26 ta' Otturbu 2020 rigward il-preskrizzjoni tal-manteniment ghall-ulied:
>
> > Il-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tqis illi jkun utli li tigi l-ewwel net ezaminata din l-eccezzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi illi "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment" jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. L-artikolu 2123 (b) jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri."
>
> "Din il-Qorti tqis illi gialadarba kif rilevat aktar 'l fuq, id-dikjarazzjoni tal-istat li ragel huwa il-missier naturali ta' wild jirretroagixxi ghall-gurnata

tat-twelid, b'konsegwenza ta' dan l-istess japplika ghad-drittijiet u dmirijiet tal-istess ragel qua l-missier naturali (u issa legali) ta' dak l-istess wild, liema drittijiet u dmirijiet legalment jemanu minn dana l-istess stat.

Illi huwa evidenti illi ai termini tal-Artikolu 2123 (b) tal-Kap 16 l-eccezzjoni ta preskrizzjoni dwar arretrati ta' manteniment minn genitur ghall-wild hija legalment insostanibbli."

**Ikkunsidrat;**

40. Fl-aggravju tiegħu marbut mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-appellant inspjegabbilment jinjora kompletament ir-raġunament tal-Ewwel Qorti għaliex ċaħditlu dik l-eċċezzjoni. Iddeċidiet l-Ewwel Qorti illi ġaladarba l-manteniment huwa dovut lill-minuri jsegwi illi azzjoni ta' arretrati ta' manteniment tal-minuri kontra ġenitur li għandu s-setgħa ta' ġenitur ma taqax bil-preskrizzjoni, konsiderazzjoni li għamlet filwaqt li ċċitat Artikolu 2123 (b) tal-Kodiċi Ċivili. Minflok ma ta raġunijiet għaliex ir-raġunament tal-Ewwel Qorti ma hux skontu korrett; intilef f'kalkoli matematiċi dwar f'liema perjodu l-manteniment arretrat huwa preskritt. Fuq hekk biss dan it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud. Hija ġurisprudenza kostanti illi appell għandu jkun dirett kontra l-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti u mhux jieħu l-bixra ta' riċiklaġġ tal-istess sottomissjonijiet li jkunu tresqu bla suċċess quddiem l-Ewwel Qorti.

41. **Artikolu 2123 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix (a) bejn ir-raġel u l-mara; (b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri; (ċ) bejn il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutur jew

kuratur tagħha, sa tispiċċa t-tutela jew il-kurazija, u sa jingħataw għal kollox u jiġu approvati l-kontijiet; (d) bejn il-werriet u l-wirt aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju.

42. Hija ġurisprudenza assodata illi l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-miżżewġin, anke wara li jisseperaw. (Ara **RS v. JS (687/13/1FDP)** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru, 2022). Rilevanti f'dan ir-rigward dak li nżamm fis-sentenza **ALP v. RAP (nru 154/2020)** mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2017.

> "Dan l-aggravju jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni intavolata mill-appelanti a tenur tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili; fir-rikors tal-appell hija ipprecizat li kienet qed tinvoka l-Artikolu 2156 (b) ossija dik ta' hames snin applikabbli hlas ta' pensjoni ta' manteniment.
>
> Din il-Qorti pero` tirreferi ghall-Artikolu 2123 (a) tal-istess Kodici Civili li jistipula li l-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-ragel u l-mara. Dan japplika anke jekk il-partijet ikunu separati kif tenniet is-sentenza fl-ismijiet John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo` deciza minn din il-Qorti fit30 ta' Mejju 2014. Kif qalet din is-sentenza is-separazzjoni personali, skont l-Artikolu 35 tal-Kodici, ittemm biss l-obligu tal-mizzewgin li jghixu flimkien u allura l-Artikolu 2123 (a) japplika ukoll f'sitwazzjonijiet simili. Din is-sentenza iccitat lil Giorgi jghid li s-sospensjoni talpreskrizzjoni tapplika 'anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie'.
>
> Anke l-Qorti ta' Kassazjoni Taljana b'sentenza tal-1985 ikkonfermat dan u qalet li "La presrcrizione dei diritti dei coniugi non ha luogo durante l' matrimonio, ancorche i coniugi siano separati." Tal-istess fehma huma awturi ohrajn bhal Ricci, Pothier, Laurent u Trabucchi. Dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta fil-kawza fl-ismijiet Micallef v. Gravina deciza fid-29 ta' Mejju 2015."

43. Tqis illi apparti l-kunsiderazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti li waslitha tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; kif sewwa rrilevat l-appellata, Artikolu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi eċċezzjoni ta'

preskrizzjoni ma għandha l-ebda effett u l-Qorti m'għandhiex tikkunsidraha jekk qabel xejn il-parti li teċċepiha ma tieħux ġurament minn jeddha li l-ammont li qed tippretendi li hu preskritt jew ma tiftakarx jekk ġiex imħallas jew inkella tieħu ġurament li ma hux dovut.

44. Kif inhu magħruf, l-emendi għall-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, spustaw il-*ġuramento decisorio*, minn oneru ta' inizjattiva da parti ta' attur jew konvenut rikonvenzjonant rinfaċċjati b'eċċezzjoni ta' preskrizzjoni; għal oneru ta' inizjattiva da parti tal-konvenut jew tal-attur rikonvenzjonat li ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. L-emendi li saru għall-Artikolu 2160 kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Fil-każ odjern l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet intavolata permezz ta' eċċezzjoni ulterjuri ferm wara li l-emendi msemmija daħlu fis-seħħ u għalhekk kien l-oneru fuq il-konvenut illi jsegwi dak provdut fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 12. Huwa biss fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017 li ma hemmx oneru fuq il-konvenut li jsegwi Artikolu 2160. (Ara. **Edwin Caruana v. Air Malta plc** - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

45. Fil-każ odjern ma jirriżultax li l-konvenut segwa skrupolożament id-dettami tal-Artikolu 2160 u għalhekk, anke għal din ir-raġuni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet destinata li tiġi miċħuda.

46. **Tqis għalhekk it-tielet aggravju infondat u qed tiċħdu**.

47. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli timmotiva suffiċjentement id-deċiżjoni tagħha. Jikritika lill-Ewwel Qorti illi filwaqt li emmnet li l-verżjoni mogħtija minnu kellha mis-sewwa, "madanakollu fl-aspett l-iktar kruċjali, u cjoè dak finanzjarju, ma emmnitux". Jilmenta li l-Ewwel Qorti ippreġudikatu meta ċaħħditlu t-talba sabiex isejjaħ bħala xhud lil bint il-partijiet li skontu "setgħat tikkonferma l-ħlasijiet li talvolta saru". Jgħid li meta talab li jsejjaħ lil bintu bħala xhud hija kienet ser tagħlaq sbatax-il sena ftit jiem wara.

48. Jinsisti illi kellu jitwemmen illi meta ngħata d-digiret dwar il-manteniment *pendente lite* ta' €200 fix-xahar fil-21 ta' Settembru, 2016 huwa kien ilu jħallas €200 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri ta' lanqas għal sentejn u tliet xhur u dan anke meta ma kenitx tħallih jara lill-minuri. Jgħid illi kien hemm żmien fejn l-istess l-attriċi ma baqgħetx taċċetta l-manteniment mingħandu u li fil-kontroeżami tagħha hija aċċetta illi kien hemm żmien fejn hi stess qaltlu sabiex ma jħallasx il-manteniment u ma jarax lit-tifla. Jgħid illi lill-minuri kien jixtrilha diversi affarijiet inkluż *laptop*, tablet, *playstation* u diversi *mobiles* però ma żamm l-ebda riċevuta. Jgħid li dan kollu ġie kkorroborat minn ommu Elizabeth Grech, li ma ġietx kontroeżaminata.

49. Jikritika lill-Ewwel Qorti li ma ħallitux isejjaħ bħala xhud lil bint il-partijiet sabiex tixhed dwar il-ħlasijiet minnu magħmula lill-attriċi. Jgħid li "Il-minuri kienet l-unika persuna illi kienet preżenti meta l-esponenti kien jagħmel xi kontribuzzjoni għaliha, kemm finanzjarjament kif ukoll bl-oġġetti kollha illi huwa xtralha matul is-snin."

50. Jgħid illi minħabba ċ-ċirkostanzi kien ferm diffiċli għalih li jġib prova tal-ħlasijiet illi huwa kien jgħaddi lill-attriċi għajr għax-xhieda tiegħu nnifsu. Jgħid li "addirittura kien fl-impossibbiltà li jagħmel dan". Jgħid illi l-attriċi nqabdet tigdeb quddiem l-Ewwel Qorti meta l-ewwel xehdet illi l-ewwel pagament ta' manteniment sar f'Diċembru 2016 u mbagħad ġiet murija żewġ *cheques* datati Ottubru 2016 u Novembru 2016 li hija kienet sarrfet. Jgħid illi l-prova kemm l-attriċi hija mdorrija tigdeb joħroġ mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri penali istitwiti kontrih fuq rapport tal-attriċi fejn ġie liberat wara li l-Qorti sabet li l-minuri kienet ġiet manipulata mill-attriċi. Jinsisti illi l-minuri għandha tinstema.

51. L-appellata min-naħa tagħha tikkontesta l-verżjoni tal-appellant li kien jgħaddi €50 fil-ġimgħa minn qabel ma ngħata d-digriet dwar manteniment *pendente lite.* Tgħid li l-appellant ried itella lit-tifla minuri tixhed "sabiex tintuża bħala arma u xejn iżjed". Tikritika bħala inverosimili l-verżjoni tal-appellant fejn jgħid li kien jgħaddi s-somma ta' €50 fil-ġimgħa

lit-tifla meta din kienet għadha minuri u l-manteniment kellu jitħallas lilha u mhux f'idejn tifla minuri. Tgħid li l-manteniment li ħallas l-appellant dejjem irċevietu permezz ta' *cheque* maħruġ mill-avukat tal-appellant.

**Ikkunsidrat;**

52. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed essenzjalment jattakka l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

53. Bħala punt tat-tluq tajjeb li jingħad illi fejn aggravju f'appell jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti tal-ewwel grad, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Il-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward tal-kompitu tal-Qorti tat-tieni grad meta msejħa sabiex tikkonsidra din ix-xorta ta' aggravju, hija dik kif qisitha din il-Qorti fis-sentenza **Antoinette Cutajar v. Prim Ministru et** mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2018:

> "7. … … … il-konvenuti jagħtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-

> konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament millgravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."[9]

54. Fuq l-istess linja ta' ħsieb is-sentenza **Il-Koordinatur Nazzjonali tal-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea v. Steven Attard** mogħtija mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:

> "Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula millEwwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni."

55. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravju tal-appellant (ara **Dottor Michelle Tabone et. v. Rev. Alexander Vella et.** - Appell Superjuri - 26 ta' Novembru, 2024; **Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited et.** – Appell Superjuri – 12 ta' Ottubru, 2023; **FS Engineering and Plastic Limited v. Branko Radojevic et.** - Appell Superjuri – 16 ta' Marzu, 2023; **L-Inġinier Nehad Khalifa u Mohamed T.A. Khalifa v. Maria Anna**

[9] Ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza **W.R. Mons. Arċ. Dr Joseph Vella Gauci v. Carmel Vella et**. - Appell Superjuri - 6 ta' Mejju, 2024;

**Scicluna** – Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022; **Maria Stella Calleja v. Brian Degorigio** – Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 2022).

56. Ma hemmx kwistjoni illi l-obbligu li ġenitur imantni lil uliedu jitwieled fl-istess nifs li jitwieled il-wild ta' dak il-ġenitur. Dan ġia ġie indirizzat aktar qabel fejn din il-Qorti qablet mal-Qorti tal-ewwel grad illi l-konvenut kellu l-obbligu li jikkontribwixxi għall-manteniment ta' bintu mill-mument li din twieldet. Minn dan isegwi illi sabiex tissostanzja l-pretensjoni tagħha l-attriċi kellha ġġib il-prova li l-minuri hija bint il-konvenut u li l-konvenut ma kkontribwixxiex għall-trobbija tal-minuri bintu.

57. L-Ewwel Qorti ma emnitx lill-konvenut meta xehed li kien iħallas manteniment għall-minuri qabel ma ġie ordnat sabiex iħallas permezz ta' digriet *pendente lite* mogħti fi proċeduri ta' medjazzjoni tal-familja ta' bejn il-partijiet. Waslet għal tali konklużjoni wara li l-Ewwel Qorti rraġunat kif ġej:

> "Din il-Qorti rat illi filwaqt li l-attrici ddikjarat illi hi ma tiftakarx li l-intimat kien ghamel perjodu jghaddi manteniment fl-ammont ta' EUR 50 f'kontanti kull gimgha qabel ma inghata d-digriet ghall-manteniment, l-intimat, minkejja dak li sostna fix-xhieda tieghu ma ipproduca ebda rcevuta ta' hlas.
>
> Fid-dawl tax-xhieda prodotta, il-Qorti tillikwida l-arretrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2006 sat-2 ta' Lulju 2016 fl-ammont ta' EUR 150 kull xahar. (150 Ewro x12 xahar x 10 snin), stante li wara Lulju 2016 l-intimat beda jhallas regolarment il-manteniment ta' bintu."

58. Din il-Qorti ma ssib xejn ħażin f'dan ir-raġunament. Anzi taqbel perfettament miegħu. Il-prova tal-ħlas taqa' dejjem fuq spallejn id-debitur, indipendentement jekk jagħtix l-eċċezzjoni tal-ħlas jew le. Fuq il-kreditur jaqa' l-oneru tal-prova dwar l-eżistenza tad-debitu marbuta mal-allegazzjoni li d-debitu ma ġiex saldat. Ġialadarba ġie stabbilit li l-attriċi kellha l-jedd li tirċievi l-manteniment mingħand il-konvenut għall-minuri, kien jaqa' fuq spallejn il-konvenut l-oneru li jipprova sodisfaċentement illi bejn is-sena 2006 u s-sena 2016 huwa ħallas lill-omm manteniment għall-minuri. Jammetti l-appellant illi m'għandux riċevuti li huwa ħallas manteniment ta' €200 kull erba' ġimgħat. Fuq medda ta' għaxar snin.

59. Din il-Qorti ma temminx illi persuna tħallas manteniment fis-somma ta' €200 kull erba' ġimgħat fuq medda ta' għaxar snin, tħallas dejjem fi flus kontanti u ma titlobx imqar riċevuta waħda. Aktar u aktar f'sitwazzjoni ta' konflitt kontinwu fejn il-konvenut jinsisti, u hekk irriżulta sodisfaċentement, li l-attriċi sa mill-bidunett ippruvat li żżomm lill-konvenut 'il bogħod mill-minuri. Dan wassal lill-konvenut sabiex snin wara li twieldet il-minuri jieħu passi ġudizzjarji sabiex jiġi rikonoxxut il-missier bioloġiku.

60. Jibqa' inspjegabbli kif suppost il-konvenut kien qed iħallas is-somma ta' €50 fi flus kontanti lill-attriċi, kien assistit legalment, u jħallas somom sostanzjali fi flus kontanti mingħajr ma jitlob lill-attriċi sabiex

tagħtih riċevuta. Taqbel għalhekk din il-Qorti mal-Ewwel Qorti, illi konfrontata b'żewġ verżjonijiet diametrikament opposti, il-fattur determinanti kien jekk il-konvenut ressaqx provi oħra, apparti d-diskors tiegħu, dwar tali pagamenti allegatament magħmula fuq medda ta' snin.

61. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħallitux isejjaħ b'xhud lil bintu minuri. Ilment fil-fehma ta' din il-Qorti fieragħ meta tqis l-istorja mqallba li din it-tifla intortament kellha tgħaddi minnu f'sitwazzjoni fejn l-Ewwel Qorti kellha raġunijiet tajba taħseb illi s-sejħa tal-minuri dwar l-allegat ħlasijiet tal-manteniment kien ser ikun detrimentali għall-*benessere* tal-minuri.

62. Jekk verament il-konvenut kien qed iħallas manteniment regolari ta' €50 fi flus kontanti, xi forma ta' traċċa suppost dawn il-pagamenti kellhom iħallu, imqarr fil-kont bankarju tiegħu; jew inkella fl-ewwel atti ġudizzjarji minnu ppreżentati. Lanqas ma jirriżulta xi korrispondenza bejn il-legali tal-partijiet dwar hekk. L-ebda traċċa ta' prova fir-rigward. Fiċ-ċirkostanzi taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-konvenut naqas milli jġib il-prova tal-ħlas minnu allegat.

**63. Għal dawn ir-raġunijiet issib illi r-raba' aggravju wkoll huwa infondat u qed tiċħdu.**

**Deċiżjoni**;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenut CD bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss